MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Kriminali Numru. 68/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur M. Sammut)**
**Vs**

**Raul Antonio Pace**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-4 ta' Dicembru, 2005, ghall-habta ta' 00.45 a.m. gewwa "Coconut Grove", Triq Wilga, Paceville, San Giljan, pejjep f'xi fond maghluq privat jew pubbliku, li hu miftuh ghall-pubbliku hlief fi kmamar fejn jista' jsir tipjip.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Marzu, 2006, li biha, stante li l-imputat fil-komparixxi ma jirrizultax li ghandu l-

istess konnotazzjonijiet indikati fil-karta tal-identita' ezaminata mill-Qorti, ma sabitx lill-imputat hati w illiberatu mill-akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fid-9 ta' Marzu, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, w minflok, wara li jinstemghu l-provi mill-gdid, issib u tiddikjara htija tal-istess appellat f'dawn l-akkuzi, w tinfliggi l-piena skond il-ligi, u stante li l-incidenza ta' incidenti bhal dak odjern qeghda tikber quddiem il-Qrati Inferjuri, tassigura l-ezekuzzjoni ta' dak ordnat mill-ligi fl-artikolu 428(8) tal-Kodici Kriminali.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat l-aggravji tal-Avukat Generali, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti erronjament illiberat lill-appellat mill-akkuzi minhabba zball fl-isem tieghu, kif indikat fic-citazzjoni. F'sitwazzjoni simili, kull zball fl-isem tal-imputat jew fil-partikolaritajiet l-ohra tieghu, bhal ma jistghu jigu kkorreguti f'Att t'Akkuza, aktar u aktar jistghu jigu hekk ikkorreguti fil-kaz ta' citazzjoni jew tal-presentata f'kawzi quddiem il-Qrati Inferjuri (ara "Il-Pulizija vs. Rose Jane Zammit" App. Krim. 3/2/1995). Ic-citazzjoni mhix hlief mod ta' presentazzjoni tal-imputat quddiem il-Qorti kwalunkwe diffett li jista' jkun fiha ma jgibx il-liberazzjoni tal-imputat. F'kull stadju qabel is-sentenza tal-Ewwel Qorti tista' ssir kull korrezzjoni mehtiega fic-citazzjoni. Dak li hu importanti hu li l-imputat ikun jaf precizament bir-reat specifiku li bih ikun akkuzat (ara "Il-Pulizija vs. John Ebejer" App. Krim. 16/6/1994). Minn dan kollu jsegwi li l-izball fl-isem tal-imputat fih innifsu ma jwassalx ghall-liberazzjoni tal-imputat. Tal-volta jista' jwassal ghall-kwistjoni jekk sentenza kontra l-imputat b'kunjomu zballjat tkunx ezegwibbli.**

**Rat il-fedina penali aggornata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.**

**Rat il-verbal tal-lum li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li, la darba kienet intalbet korrezzjoni fl-isem tal-appellat, l-Ewwel Qorti kellha tipprovdi fuq din it-talba w ma setghatx tillibera ghar-ragunijiet indikati fis-sentenza appellata, pero', f'kull kaz, talbu li din il-Qorti ma tghaddix biex tisma' w tiddeciedi l-kaz hi, imma terga tibghat l-atti lill-Ewwel Qorti biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppio ezami.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mill-verbal tas-seduta tat-2 ta' Marzu, 2006 quddiem l-Ewwel Qorti jirrizulta li l-Ufficjal Prosekutur talab korrezzjoni fis-sens li l-isem "Paul" jigi sostitwit b'"Raul". Illi pero' mill-istess verbal ma jidhirx li l-Ewwel Qorti ipprovdiet dwar din it-talba. Fl-istess waqt jirrizulta li wara li nstemghu xi provi tal-prosekuzzjoni w tal-imputat, inghatat sentenza w l-Ewwel Qorti lliberat lil Pace Paul Antonio *"stante li l-imputat indikat fil-komparixxi ma' jirrizultax li ghandu l-istess konnotazzjonijiet indikati fil-karta tal-identita' ezaminata mill-Qorti"*. Fis-sentenza traskritta li ggib il-firma tad-Deputat Registratur, l-kawza giet indikata bl-okkju "Raul Antonio Pace" u in vista ta' dan jidher li kemm in-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali gew prezentati b'dan l-okkju u cioe' "Raul" minflok "Paul".**

**Ikkonsidrat;**

**Illi minkejja l-intestatura tal-okkju pero' jidher li l-Ewwel Qorti ma pprovditx dwar it-talba ghall-korrezzjoni tal-isem tal-appellat kif kienet obbligata li taghmel unva volta li kellha talba f'dan is-sens u minflok iddecidiet li tillibera minhabba diskrepanza bejn l-isem tal-appellat kif deher fil-komparixxi u dak li deher fl-identity card li giet murija lilha *seduta stante*.**

**Illi kif del resto jaqblu l-prosekuzzjoni w id-difiza, una volta li rrizulta illi fis-seduta tat-2 ta' Marzu, 2006 (fol. 3) l-Ufficjal Prosekutur kien talab korrezzjoni fis-sens**

**li l-isem "Paul" jigi ssostitwit bl-isem "Raul", talba li l-Prosekuzzjoni kellha kull dritt li taghmel f'dak l-istadju, l-Ewwel Qorti kien imissha l-ewwel pprovdiet fuq din it-talba ghall-korrezzjoni umbaghad tghaddi biex tiddeciedi fuq il-mertu konformement.**

**Illi dan id-difett procedurali jirrendi l-procedura minn dak l-istadju 'l quddiem inkluza s-sentenza appellata nulla u bla effett.**

**Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali qed jigi milqugh u din il-Qorti qed tiddikjara s-sentenza appellata nulla w qed tirrinvija l-atti lill-Ewwel Qorti biex il-kawza tigi mismugha mill-gdid mill-istadju li jsegwi immedjetament wara t-talba tal-prosekuzzjoni ghall-korrezzjoni fl-isem tal-imputat kif fuq intqal.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------